

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-AWDITURI

Sommarju tar-riżultati mill-awditu annwali tal-QEA għall-2016 li jirrigwarda l-Impriżi Konġunti Ewropej għar-riċerka

(2017/C 426/01)

WERREJ

	Paragrafu	Pàġna
INTRODUZZJONI	1-6	2
Informazzjoni ta' sfond	1-2	2
Impriżi Konġunti għar-Riċerka – sħubiji pubbliċi-privati tal-UE mal-Industrija u mal-Istati Membri	3-4	2
Baġits tal-UE għall-Impriżi Konġunti għar-Riċerka	5-6	2
APPROĊĊ TAL-AWDITJAR	7-10	3
L-arranġament tal-awditjar attwali qed jaħdem iżda huwa ineffiċjenti	7-10	3
RIŻULTATI TAL-AWDITJAR	11-34	3
Opinjoni favorevoli tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-Impriżi Konġunti kollha	11	3
Opinjoni favorevoli tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għal sebgħa minn tmien Impriżi Konġunti	12-13	3
Aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riskji relatati mal-kontribuzzjoni li ssir mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER	14-19	3
Kummenti li saru fir-rapporti speċifiċi tagħna	20-33	4
Ġestjoni baġitarja u finanzjarja	21	4
Il-fażi tal-għeluq tal-programm FP7 wriet xi arretrati fil-kontribuzzjonijiet li saru mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka	22-24	4
Il-fażi tal-bidu tal-programm Orizzont 2020 wera livell għoli ta' kontribuzzjonijiet mis-sħab fl-industrija għal attivitajiet addizzjonali	25-26	4
Il-kontrolli interni kienu ġeneralment effettivi u żammew ir-rati ta' żball taħt 2 % ..	27-33	5
Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti	34	5
KONKLUŻJONIJIET	35-38	5
ANNEX — ATTIVITAJIET, BAĠIT U PERSUNAL TAL-IMPRIŻI KONĠUNTI		7

INTRODUZZJONI

Informazzjoni ta' sfond

1. Aħna awditjajna u ħriġna opinjonijiet dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet u dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016, għal tmien Impriżi Konġunti Ewropej għar-riċerka:

- F4E (ITER) — Żvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni;
- BBI — Industrij b'bażi Bijoloġika;
- Clean Sky — Teknoloġiji Nodfa għat-Trasport bl-Ajru;
- IMI — Inizjattiva dwar Mediċini Innovattivi;
- FCH — Ċelloli tal-Fjuwil u l-Idroġenu;
- SESAR — Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew;
- ECSEL — Komponenti u Sistemi elettroniċi;
- S2R — Soluzzjonijiet Innovattivi għal Prodotti Ferrovjarji.

2. Dan ir-rapport ta' sinteżi jipprovdi ħarsa ġenerali lejn ir-riżultati tal-awditjar (opinjonijiet u kummenti) li ġew ippubblikati fir-rapporti annwali speċifiċi tagħna għall-2016 dwar l-Impriżi Konġunti. Dan is-sommarju mhuwiex rapport jew opinjoni tal-awditjar.

Impriżi Konġunti għar-Riċerka — sħubiji pubbliċi-privati tal-UE mal-Industrija u mal-Istati Membri

3. L-Impriżi Konġunti huma sħubiji pubbliċi-privati, li għandhom rwol importanti fl-implimentazzjoni ta' aspetti speċifiċi tal-politika tar-riċerka tal-Unjoni Ewropea (UE). Minbarra l-UE, li hija rrappreżentata mill-Kummissjoni, il-membri tal-Impriżi Konġunti jinkludu diversi sħab pubbliċi u privati mir-raggruppamenti għall-industrija u għar-riċerka. Il-biċċa l-kbira mill-Impriżi Konġunti jsegwu mudell bipartitiku bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni u tas-sħab fl-industrija/fir-riċerka, jew mudell tripartitiku li jinkludi wkoll il-parteċipazzjoni tal-Istati Membri (l-Impriża Konġunta ECSEL).

4. Il-membri jagħmlu kontribuzzjonijiet għall-finanzjament tal-attivitajiet tal-Impriżi Konġunti. Il-finanzjament mill-UE huwa pprovdut mill-baġit tal-UE għar-riċerka permezz tas-Seba' Programm Kwadru għar-Riċerka (FP7) u tal-programm Orizzont 2020⁽¹⁾. Is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jipprovdu kontribuzzjonijiet *in natura* u fi flus kontanti. Fil-każ ta' erba' Impriżi Konġunti (Clean Sky, FCH, BBI u S2R), is-sħab privati jipprovdu wkoll ammont minimu ta' kontribuzzjonijiet *in natura* għal "attivitajiet addizzjonali" li huma barra l-programmi ta' ħidma tal-Impriżi Konġunti iżda li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tal-oġettivi tal-Impriżi Konġunti.

Baġits tal-UE għall-Impriżi Konġunti għar-Riċerka

5. Il-baġit totali tal-Impriżi Konġunti fl-2016 kien ta' EUR 1,8 biljun (2015: EUR 1,4 biljun) jew 1,3 % (2015: 1 %) tal-baġit ġenerali tal-UE. Il-kontribuzzjonijiet totali *in natura* u fi flus kontanti mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka kienu mistennija jkunu ta' ammont simili. Fi tmiem l-2016, l-Impriżi Konġunti kellhom 633 membru tal-persunal impjegati magħhom (2015: 562).

6. L-informazzjoni dwar l-attivitajiet, il-baġit u l-għadd tal-membri tal-persunal tal-Impriżi Konġunti tingħata fl-*Anness*.

⁽¹⁾ L-Impriżi Konġunti SESAR u S2R jirċievu wkoll finanzjament min-Netzwerk Trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T).

APPROĊ TAL-AWDITJAR***L-arranġament tal-awditjar attwali qed jaħdem iżda huwa ineffiċjenti***

7. F'konformità mal-Artikoli 208(4) u 209(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-UE, l-awditjar tal-affidabbiltà tal-kontijiet tal-Impriżi Konġunti kollha ġie esternalizzat lil ditti tal-awditjar indipendenti esterni. L-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriżi Konġunti F4E u SESAR ilha mill-2014 tiġi vverifikata minn ditti tal-awditjar indipendenti esterni. Għall-Impriżi Konġunti li jifdal (Clean Sky, BBI, FCH, IMI, ECSEL, S2R), l-awditu tal-affidabbiltà tal-kontijiet annwali twettaq minn ditti tal-awditjar esterni għall-ewwel darba fl-2016.

8. Skont l-istandards internazzjonali tal-awditjar, aħna eżaminajna x-xogħol tad-ditti tal-awditjar u ksibna aċċertament suffiċjenti li stajna noqogħdu fuq ix-xogħol tagħhom fil-formulazzjoni tal-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet annwali tal-Impriżi Konġunti għall-2016.

9. Bħal fis-snin preċedenti, aħna nibqgħu esklussivament responsabbli għall-awditu tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi. L-approċċ tal-awditjar tagħna kien jinkludi ttestjar sostantiv ta' kampjuni rappreżentattivi tat-tranżazzjonijiet ta' pagament u ta' dħul, proċeduri analitiċi ta' eżaminar, u valutazzjoni tal-kontrolli ewlenin tas-sistemi ta' superviżjoni u kontroll ta' kull Impriża Konġunta. Aħna eżaminajna wkoll il-kwalità tal-awditu *ex post* tal-ispejjeż iddikjarati li d-ditti tal-awditjar indipendenti esterni li ġew ikkuntrattati wettqu għand il-benefiċjarji tal-għotjiet taħt l-FP7. Aħna ksibna aċċertament suffiċjenti biex noqogħdu fuq ix-xogħol tad-ditti tal-awditjar bħala bażi komplementari għall-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti.

10. Madankollu, l-awditu tal-2016 wera li l-esternalizzazzjoni tal-parti tal-awditu li tikkonċerna l-affidabbiltà tal-kontijiet żiedet il-piż amministrattiv sinifikattivament u kkawżat duplikazzjonijiet fix-xogħol tal-awditjar.

RIŻULTATI TAL-AWDITJAR***Opinjoni favorevoli tal-awditjar dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għall-Impriżi Konġunti kollha***

11. Il-kontijiet finali tat-tmien Impriżi Konġunti kollha jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tagħhom fil-31 ta' Diċembru 2016 u r-riżultati tal-operazzjonijiet tagħhom u l-flussi tal-flus tagħhom għas-sena li ntemmet dakinhar, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Finanzjarji applikabbli u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-Uffiċjal tal-Kontabbiltà tal-Kummissjoni.

Opinjoni favorevoli tal-awditjar dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet għal sebgħa minn tmien Impriżi Konġunti

12. It-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet annwali għas-sena li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016 kienu legali u regolari fl-aspetti materjali kollha għal seba' Impriżi Konġunti (F4E, BBI, Clean Sky, IMI, FCH, SESAR u S2R).

13. Bħal fl-2015, aħna hrignu opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet tal-Impriża Konġunta ECSEL. L-arranġamenti stabbiliti fl-Impriża Konġunta ECSEL għall-awditu *ex post* għand il-benefiċjarji tal-għotjiet taħt l-FP7 ma jippermettux li jsir il-kalkolu ta' rata ta' żball ipponderata affidabbli jew rata tal-iżball residwu għall-pagamenti tagħha taħt l-FP7. Għaldaqstant, aħna ma konniex f'pożizzjoni li nikkonkludu jekk l-awditu *ex post* jipprovdex aċċertament suffiċjenti dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti *interim* u finali għall-proġetti taħt l-FP7 li huma mmaniġġjati mill-Impriża Konġunta. Din il-problema hija marbuta mas-sistema ta' kontroll li l-Impriża Konġunta ECSEL wirtet mingħand il-predeċessuri tagħha (l-Impriżi Konġunti ENIAC u ARTEMIS) u mhijiex se tibqa' rilevanti għall-implimentazzjoni tal-proġetti taħt il-programm Orizzont 2020.

Aħna niġbdu l-attenzjoni għar-riskji relatati mal-kontribuzzjoni li ssir mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER

14. L-opinjoni tal-awditjar tagħna dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta F4E huma akkumpanjati minn osservazzjoni ⁽²⁾ relatata mal-kontribuzzjoni li ssir mill-UE għall-ispejjeż tal-proġett ITER.

⁽²⁾ Osservazzjoni tintuża biex tingħed l-attenzjoni għal kwistjoni li ma tkunx ġiet materjalment iddikjarata b'mod skorrett fil-kontijiet, iżda li tkun ta' tant importanza li tkun fundamentali biex l-utenti jifhemu l-kontijiet.

15. F'Novembru 2016, il-Kunsill tal-ITER approva skeda ġdida u stima tal-ispejjeż għall-proġett ITER, fejn stabbilixxa Diċembru 2025 bħala d-data ta' skadenza għall-ilħuq tal-ewwel stadju importanti strateġiku tal-fażi ta' kostruzzjoni ("L-Ewwel Plażma"), u Diċembru 2035 bħala d-data tal-ikkompletar stmata għall-fażi ta' kostruzzjoni kollha, li tirrappreżenta dewmien ta' 15-il sena meta mqabbel mal-ippjanar oriġinali.

16. Ibbażat fuq il-linja bażi l-ġdida tal-proġett, l-Impriża Konġunta F4E kkalkulat mill-ġdid l-ispiża relatata mal-istadju tal-ikkompletar għall-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER. Ir-riżultati ġew ippreżentati lill-Bord Governattiv tal-Impriża Konġunta f'Diċembru 2016, u stmat li r-rekwiżit ta' finanzjament addizzjonali mill-UE għall-fażi ta' kostruzzjoni wara l-2020 kien jammonta għal madwar EUR 5,4 biljun (żieda ta' 82 % fuq l-ammont ta' EUR 6,6 biljun li kienu ġew approvati preċedentement).

17. Barra minn hekk, l-Impriża Konġunta F4E trid tikkontribwixxi wkoll għall-fażi operazzjonali tal-proġett ITER wara l-2035, kif ukoll għall-fażijiet sussegwenti ta' diżattivazzjoni u dekommissjonar. Dawn l-ispejjeż għadhom ma ġewx stmati.

18. F'Ġunju 2017, il-Kummissjoni ħarġet komunikazzjoni dwar il-kontribuzzjoni li tingħata mill-UE għall-proġett ITER, fejn fittxet l-appoġġ tal-Parlament Ewropew u mandat mill-Kunsill tal-UE biex il-Kummissjoni tapprova l-linja bażi l-ġdida. Il-Kummissjoni ssuġġeriet li kontinġenza sa 24 xahar f'termini ta' skeda, u 10-20 % f'termini ta' baġit, tkun xierqa. L-ammont ta' EUR 6,6 biljun li ġie adottat mill-Kunsill tal-UE fl-2010 issa jservi bħala limitu massimu għall-infiq tal-Impriża Konġunta sal-2020.

19. Aħna nqisu li, filwaqt li ttieħdu passi pożittivi biex jittejjbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, għad hemm riskju ta' żidiet ulterjuri fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett.

Kummenti li saru fir-rapporti speċifiċi tagħna

20. Mingħajr ma nixħtu dubju fuq l-opinjoni tagħna, aħna għamilna diversi kummenti fir-rapport annwali speċifiċi tagħna dwar l-Impriża Konġunta, sabiex nenfasizzaw kwistjonijiet ta' importanza u nindikaw oqsma fejn jista' jsir titjib.

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

21. F'erba' każijiet (Clean Sky, IMI, FCH, SESAR), ir-**rata ta' implimentazzjoni għall-appropriazzjonijiet ta' pagament fl-2016** kienet sinfikkattivament aktar baxxa milli mistenni, minħabba dewmien biex jiġu konklużi ftehimiet ta' għotja (Clean Sky, IMI), inqas ftehimiet ta' għotja milli mistenni wara l-evalwazzjoni tas-sejħiet għal proposti (FCH), jew dewmien min-naħa tal-benefiċjarji fl-implimentazzjoni tal-proġetti u/jew fil-preżentazzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-ispejjeż tagħhom (SESAR). Għall-IMI, ir-rata baxxa ta' implimentazzjoni tal-baġit kienet marbuta wkoll ma' tnaqqis sinifikanti fl-infiq fuq il-programm ta' emerġenza EBOLA+ meta l-epidemija naqset.

Il-fażi tal-għeluq tal-programm FP7 wriet xi arretrati fil-kontribuzzjonijiet li saru mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka

22. Aħna rrapportajna dwar l-implimentazzjoni baġitarja pluriennali, mill-Impriża Konġunta, tal-programmi FP7, TEN-T u Orizzont 2020.

23. Għall-**FP7**, fi tmiem l-2016, il-kontribuzzjonijiet totali (*in natura* u fi flus kontanti) li saru mis-sħab fl-industrija u fir-riċerka kienu mistennija jkunu ta' ammont simili għall-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti li saru mill-UE. Madankollu, għall-Impriża Konġunta kollha, is-sħab fis-settur privat ikkontribwew kemxejn inqas mill-UE. Madankollu, għall-Impriża Konġunta IMI, l-arretrati fil-kontribuzzjonijiet li saru mill-industrija ammontaw għal madwar EUR 220 miljun (ekwivalenti għal 30 % tal-kontribuzzjoni fi flus kontanti li saret mill-UE).

24. Il-programm **Orizzont 2020** kien għadu fil-fażi preliminari tiegħu fl-2016, u l-kontribuzzjoni fi flus kontanti li saret mill-UE ntużat għall-prefinanzjament tal-ewwel sensiela ta' ftehimiet ta' għotja mis-sħab fl-industrija u benefiċjarji oħra. Dan jispjega l-livell pjuttost baxx ta' kontribuzzjonijiet *in natura* ddikjarati mis-sħab fl-industrija fi tmiem l-2016.

Il-fażi tal-bidu tal-programm Orizzont 2020 wera livell għoli ta' kontribuzzjonijiet mis-sħab fl-industrija għal attivitajiet addizzjonali

25. F'xi każijiet, is-sħab fl-industrija u fir-riċerka jistgħu jiddikjaraw ukoll **kontribuzzjonijiet in natura għal attivitajiet addizzjonali** li jkunu barra mill-programmi ta' ħidma tal-Impriża Konġunta (Clean Sky, BBI, S2R, FCH). Fi tmiem l-2016, is-sħab kienu diġà ddikjaraw porzjon sinifikanti tal-ammonti minimi ddefiniti fir-regolamenti fundaturi tal-Impriża Konġunta,

għall-perjodu kollu tal-programm Orizzont 2020 (BBI: 17 %; Clean Sky: 36 %; S2R: 43 %; FCH: 66 %). L-Impriżi Konġunti mhumiex meħtieġa jiddivulgaw il-kontribuzzjonijiet *in natura* għal attivitajiet addizzjonali fil-kontijiet annwali tagħhom, u aħna ma għandniex mandat biex nawditjaw l-ammonti ddikjarati.

26. Aktar informazzjoni dettaljata dwar l-implimentazzjoni baġitarja pluriennali tista' tinstab fir-rapporti annwali tal-attività tal-Impriżi Konġunti.

Il-kontrolli interni kienu ġeneralment effettivi u żammew ir-rati ta' żball taħt 2 %

27. L-Impriżi Konġunti stabbilew **proċeduri ta' kontroll *ex ante*** bbażati fuq analizzijiet finanzjarji u operazzjonali mhux fuq il-post, u kkuntrattaw ditti indipendenti esterni tal-awditjar biex iwettqu **awditi *ex post* għand il-benefiċjarji**. Dawn il-kontrolli huma għodod ewlenin għall-valutazzjoni tal-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' pagament ta' bażi, inklużi l-kontribuzzjonijiet fi flus kontanti u *in natura* mill-membri fl-industrija u fir-riċerka.

28. Ibbażat fuq ir-riżultati tal-awditjar *ex post* għall-pagamenti ta' għotja taħt l-FP7, fi tmiem l-2016 l-Impriżi Konġunti kollha (għajr l-ECSEL) ikkalkulaw u rrapportaw rati tal-iżball residwu taħt 2 %. Dan kien ikkonfermat mill-eżaminar li wettaqna tax-xogħol tad-ditti tal-awditjar esterni.

29. Għall-pagamenti ta' għotja taħt il-programm Orizzont 2020, ma ġewx ikkompletati awditi *ex post* sa tmiem l-2016. Għalhekk, l-opinjoni tagħna dwar il-legalità u r-regolarità tal-pagamenti taħt il-programm Orizzont 2020 kienet ibbażata unikament fuq ir-riżultati tal-ittejtjar sostantiv tagħna u l-analiżi li wettaqna tas-sistemi ta' kontroll intern tal-Impriżi Konġunti. Għall-Impriżi Konġunti kollha, ir-rata ta' żball kienet taħt is-soll ta' materjalità ta' 2 % tal-baġit finali.

30. Fi tmiem l-2016, żewġ Impriżi Konġunti (Clean Sky u IMI) kienu kkompletaw parzjalment biss **l-integrazzjoni tas-sistemi ta' kontroll tagħhom għall-programm Orizzont 2020** mal-għodod komuni tal-Kummissjoni għall-ġestjoni u l-monitoraġġ tal-għotjiet taħt Orizzont 2020.

31. Matul l-2016, żewġ Impriżi Konġunti (SESAR u S2R) taw għotjiet taħt il-programm Orizzont 2020 lill-konsorzji tal-proġetti, minkejja l-fatt li **l-kontrolli tal-vijabbiltà finanzjarja tal-benefiċjarji**, li twettqu mill-Aġenzija Eżekuttiva għar-Riċerka, kienu jindikaw li l-kapaċità finanzjarja tal-membri koordinaturi tal-industrija fil-konsorzji kienet dgħajfa.

32. Is-sistema stabbilita fl-Impriża Konġunta Clean Sky għall-**monitoraġġ u l-ikklerjar tal-prefinanzjament taħt il-programm Orizzont 2020** ppermettiet l-akkumulazzjoni ta' madwar EUR 176 miljun ta' prefinanzjament pendenti, li żied l-esponiment tal-Impriża Konġunta għal riskju finanzjarju.

33. Rigward il-proċeduri tagħhom għall-**akkwist ta' servizzi**, żewġ Impriżi Konġunti (SESAR u S2R) issettjaw baġits massimi għall-kuntratti. Madankollu, dawn l-ammonti massimi ma kinux ibbażati fuq proċess sistematiku ta' stimar tal-ispejjeż jew fuq sistema raġonevoli ta' referenza għall-prezzijiet tas-suq. Billi l-prattika wriet li l-biċċa l-kbira mill-offerti riċevuti huma viċin il-baġit massimu, dan ma jiżgurax il-kosteffettività tal-kuntratti ta' servizz pluriennali tagħhom.

Segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti

34. Fil-biċċa l-kbira mill-każijiet, l-Impriżi Konġunti ħadu azzjoni korrettiva fis-**segwitu għall-kummenti mis-snin preċedenti** li sar fir-rapport annwali speċifiċi tagħna tas-snin ta' qabel. Id-dettalji jistgħu jinstabu fl-annessi għar-rapporti tagħna.

KONKLUŻJONIJET

35. Għall-Impriżi Konġunti kollha, aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016.

36. Għal sebġha mit-tmien Impriżi Konġunti, aħna ħriġna opinjonijiet mhux kwalifikati dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għas-sena finanzjarja li ntemmet fil-31 ta' Diċembru 2016. Aħna ħriġna opinjoni kwalifikata dwar il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi għall-Impriża Konġunta ECSEL billi ma setax jinkiseb aċċertament raġonevoli dwar l-affidabbiltà tal-kontrolli interni tagħna għall-pagamenti ta' għotja taħt l-FP7.

37. Aħna għamilna kummenti dwar kwistjonijiet relatati mal-implimentazzjoni u l-ġestjoni baġitarji, mas-sistemi ta' kontroll interni u mal-proċeduri ta' akkwist li, madankollu, ma affettwawx l-opinjonijiet tagħna.

38. Rigward l-Impriża Konġunta F4E, aħna osservajna li ttieħdu passi pożittivi biex jittejbu l-ġestjoni u l-kontroll tal-fażi ta' kostruzzjoni tal-proġett ITER, iżda għad hemm riskju ta' żidiet ulterjuri fl-ispejjeż u aktar dewmien fl-implimentazzjoni tal-proġett.

ANNEX

Attivitajiet, baġit u persunal tal-Impriżi Konġunt

IMPRIŻA KONĠUNTA	DG Prinċipali	Qasam ta' Politika	Qasam ta' Attività	Baġit Finali (miljun EUR)		Għadd ta' membri tal-persunal	
				2015	2016	Fil-31.12.2015	Fil-31.12.2016
BBI	DG RTD	Riċerka	Bijoprodotti u bijokarburanti	21,1	66	13	20
CLEAN SKY	DG RTD	Riċerka	Teknoloġiji ajrunawtiċi	245,9	287,8	36	41
ECSEL	DG CONNECT	Riċerka	Komponenti u sistemi elettroniċi	161,5	244,1	28	29
F4E – FUŻJONI GĦALL-ENER-ĠIJA	DG ENER	Riċerka	Fużjoni nukleari	586	720	383	415
FCH – ĊELLOLI TAL-FJUWIL U L-IDROĠENU	DG RTD	Riċerka	Teknoloġiji taċ-ċelloli tal-fjuwil u l-idroġenu	95,1	98,3	26	26
IMI – INIZJATTIVA DWAR MEDIĊINI INNOVATTIVI	DG RTD	Riċerka	Żvilupp ta' mediċini innovattivi u aċċess għalihom	195,4	209,3	35	41
SESAR	DG MOVE	Riċerka	Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru	136,9	157,1	41	44
S2R – SHIFT2RAIL	DG MOVE	Riċerka	Settur ferrovjarju	—	51,4	—	17
			Total	1 441,9	1 834	562	633